DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-31 ta' Jannar 2018

dwar Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni Ewropea

(2018/C 65/06)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Billi:

(1) It-Trattati, b'mod partikulari l-Artikolu 17(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 245 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, stabbilew il-prinċipji essenzjali li jirregolaw il-kondotta tal-Membri tal-Kummissjoni;

(2) Skont dawn id-dispożizzjonijiet, il-Membri tal-Kummissjoni jintgħażlu abbażi tal-kompetenza ġenerali tagħhom u l-impenn Ewropew minn persuni li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-indipendenza tagħhom. Għandhom ikunu kompletament indipendenti u la jfittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn l-ebda Gvern jew istituzzjoni, korp, uffiċju jew entità, għandhom iżommu lura minn kull azzjoni li tkun inkompatibbli mal-funzjonijiet jew mat-twettiq tal-kompiti tagħhom u ma għandhom jinvolvu ruħhom fl-ebda okkupazzjoni oħra, kemm jekk tkun bi qligħ kif ukoll jekk le;

(3) il-Membri tal-Kummissjoni għandhom responsabbiltà politika u l-Kummissjoni hija responsabbli quddiem il-Parlament Ewropew. Skont l-Artikolu 10 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-partiti politiċi fil-livell Ewropew jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni. Il-partiti politiċi Ewropej u nazzjonali jindikaw il-kandidati għall-President tal-Kummissjoni li jappoġġjaw u l-programm tal-kandidat fil-kuntest tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Il-President tal-Kummissjoni Ewropea jiġi elett mill-Parlament Ewropew fuq proposta tal-Kunsill Ewropew, filwaqt li jitqiesu l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u wara li jsiru l-konsultazzjonijiet xierqa; u l-Kummissjoni kollha kemm hi hija soġġetta għal vot ta' approvazzjoni mill-Parlament Ewropew. Dan iżid il-leġittimità demokratika tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-Unjoni li l-Membri tal-Kummissjoni huma parti minnu;

(4) Fil-bidu tal-kariga tagħhom, il-Membri tal-Kummissjoni jwiegħdu solennement li, kemm matul kif ukoll wara li tintemm il-kariga tagħhom, jirrispettaw l-obbligi li jirriżultaw minn din il-kariga u b'mod partikulari d-dmir tagħhom li jaġixxu b'integrità u diskrezzjoni rigward l-aċċettazzjoni ta' xi ħatriet jew benefiċċji, wara li tintemm il-kariga tagħhom.

(5) Jenħtieġ li l-Kodiċi ta' Kondotta għal-Kummissarji tal-20 ta' April 2011 ([1]), li jiddefinixxi u jiċċara l-obbligi applikabbli għall-Membri u l-eks Membri tal-Kummissjoni, jiġi rivedut sabiex iqis l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tiegħu u jżomm mal-istandards etiċi għoljin li huma mistennija mill-Membri tal-Kummissjoni;

(6) Huwa xieraq li l-Kodiċi ta' Kondotta japplika għall-persuna proposta bħala kandidat għall-President tal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll għall-Kummissarji Nnominati rigward id-divulgazzjoni tal-interessi tagħhom fi żmien debitu qabel is-smigħ tagħhom fil-Parlament Ewropew;

(7) Jenħtieġ li dan il-Kodiċi ta' Kondotta jiġi applikat f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni ([2]);

(8) Il-Membri tal-Kummissjoni huma soġġetti għal rekwiżiti ta' trasparenza fir-rigward tal-laqgħat li jkollhom mal-organizzazzjonijiet jew mal-individwi li jaħdmu għal rashom stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ([3]) dwar dik il-kwistjoni;

(9) L-Artikolu 339 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-Membri tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu meħtieġa wkoll wara t-tmiem tal-funzjonijiet tagħhom, li ma jxerrdux tagħrif li jkun kopert bis-sigriet professjonali u, b'mod partikolari, tagħrif li jirriferi għal impriżi u dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom jew l-elementi tal-costing tagħhom;

([1]) C(2011) 2904.
([2]) C(2000) 3614 tad-29 ta' Novembru 2000.
([3]) C(2014) 9051 tal-25 ta' Novembru 2014.

(10) L-eks Membri tal-Kummissjoni huma marbuta wkoll matul il-perjodu li għalih huma intitolati għall-gratifika tranżitorja mensili li jagħmlu d-dikjarazzjonijiet previsti skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300 ([1]);

(11) Jenħtieġ li Kumitat Indipendenti tal-Etika jassisti lill-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta billi jipprovdi pariri indipendenti;

(12) Membru tal-Kummissjoni għandu jirriżenja jekk il-President jitlob dan f'konformità mal-Artikolu 17(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

(13) Membri tal-Kummissjoni li ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom jew ikunu ħatja ta' mġiba ħażina serja jistgħu jiġu obbligati li jirtiraw jew jitneħħewlhom id-drittijiet għall-pensjoni jew benefiċċji oħra skont l-Artikoli 245 u 247 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

(14) Jenħtieġ li dan il-Kodiċi ta' Kondotta jiġi applikat b'rieda tajba u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipju tal-proporzjonalità u tad-drittijiet individwali;

(15) Jenħtieġ li dan il-Kodiċi ta' Kondotta jissostitwixxi l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji tal-20 ta' April 2011 ([2]);

(16) Il-Parlament Ewropew ġie kkonsultat ([3]) dwar ir-reviżjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta f'konformità mal-Ftehim Qafas dwar relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ([4]) u ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Jannar 2018 ([5]),

B'DAN TADOTTA DAN IL-KODIĊI TA' KONDOTTA:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Kodiċi ta' Kondotta għandu japplika għall-Membri tal-Kummissjoni u, fejn jiġi speċifikat b'mod espliċitu, għall-eks Membri tal-Kummissjoni, għall-persuna proposta bħala kandidat għal President tal-Kummissjoni Ewropea u għall-Kummissarji Nnominati.

Artikolu 2

Prinċipji

(1) Il-Membri għandhom jiddedikaw lilhom infushom bis-sħiħ għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom fl-interess ġenerali tal-Unjoni.

(2) Il-Membri għandhom jaġixxu u jwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'indipendenza, integrità, dinjità, b'lealtà u diskrezzjoni sħaħ, f'konformità mar-regoli stabbiliti fit-Trattati u kif spjegat f'dan il-Kodiċi ta' Kondotta. Għandhom josservaw l-ogħla standards ta' kondotta etika.

(3) Il-Membri għandhom ir-responsabbiltà li jżommu kuntatti politiċi fid-dawl tar-responsabbiltà tal-Kummissjoni lejn il-Parlament Ewropew u l-elettorat Ewropew u fid-dawl tar-rwol tal-partijiet politiċi Ewropej fil-ħajja demokratika tal-Unjoni.

(4) Il-Membri għandhom jaġixxu b'mod kollegjali u jassumu responsabbiltà kollettiva għal kull deċiżjoni li tittieħed mill-Kummissjoni.

(5) Il-Membri għandhom jirrispettaw id-dinjità tal-kariga tagħhom u ma għandhomx jaġixxu jew jesprimu lilhom infushom, ikun xi jkun il-mezz, b'mod li jaffettwa ħażin il-perċezzjoni pubblika tal-indipendenza, tal-integrità tagħhom jew id-dinjità tal-kariga tagħhom.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).
([2]) C(2011) 2904.
([3]) L-ittra tal-President tal-Kummissjoni tat-13 ta' Settembru 2017 lill-President tal-Parlament.
([4]) ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.
([5]) L-ittra tal-President tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Jannar 2018 lill-President tal-Kummissjoni.

(6) Il-Membri għandhom jevitaw kull sitwazzjoni li tista' twassal għal kunflitt ta' interess jew li tista' tiġi perċepita bħala tali. Kunflitt ta' interess huwa riżultat ta' interess personali li jista' jinfluwenza t-twettiq indipendenti tal-funzjonijiet tagħhom. Interessi personali jinkludu kull benefiċċju potenzjali jew vantaġġ għall-Membri infushom, il-konjuġi tagħhom, sħabhom ([1]) jew membri tal-familja diretti, iżda mhumiex limitati għal dawn biss. Ma hemmx kunflitt ta' interess meta Membru jkun ikkonċernat biss bħala membru tal-pubbliku ġenerali jew ta' klassi wiesgħa ta' persuni.

(7) L-eks Membri għandhom jirrispettaw l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-funzjonijiet tagħhom li jkomplu jkollhom effett wara t-terminu tagħhom, b'mod partikulari l-funzjoni li jaġixxu b'integrità u diskrezzjoni fir-rigward tal-aċċettazzjoni ta' ċerti karigi jew benefiċċji f'konformita mal-Artikolu 245 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-obbligi speċifikati f'dan il-Kodiċi ta' Kondotta.

Artikolu 3

Dikjarazzjoni ta' interessi

(1) Il-Membri għandhom jiddikjaraw kull interess jew ass finanzjarju jew ieħor li jista' joħloq kunflitt ta' interess fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom jew ikun rilevanti mod ieħor għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-interessi ta' Membru jistgħu jinkludu l-interessi ta' konjuġi, sħab ([2]) u ulied minorenni. Kull Membru għandu jagħmel dan billi jippreżenta l-formola ta' dikjarazzjoni mimlija stabbilita fl-Anness 1, li tistabbilixxi l-informazzjoni kollha li l-Membri huma meħtieġa jiddikjaraw taħt dan il-Kodiċi, u għandu jassumi r-responsabbiltà għall-kontenut tagħha.

(2) Ir-rekwiżiti fil-paragrafu (1) għandhom japplikaw ukoll għall-persuna proposta bħala kandidat għall-President tal-Kummissjoni u għall-Kummissarji Nnominati li għandhom jippreżentaw id-dikjarazzjoni għall-Parlament Ewropew fi żmien debitu sabiex jippermettu li l-Parlament jeżamina d-dikjarazzjonijiet.

(3) Id-dikjarazzjonijiet għandhom jerġgħu jiġu ppreżentati fuq bażi annwali fl-1 ta' Jannar, u fil-każ ta' bidla fl-informazzjoni din tiġi ddikjarata matul il-mandat ta' Membru, u għandha tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ġdida mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn xahrejn mill-bidla inkwistjoni.

(4) Id-dikjarazzjoni għandha tidentifika:

(a) interessi finanzjarji, inklużi assi u obbligazzjonijiet, li jistgħu jitqiesu kapaċi li jirriżultaw f'kunflitt ta' interess, u f'kull każ meta l-valur ta' investiment jaqbeż l-EUR 10 000. Dawn l-interessi finanzjarji jistgħu jkunu fil-forma ta' holding finanzjarja speċifika f'kapital ta' entità, b'mod partikulari ishma, jew kull forma oħra ta' interess finanzjarju, bħal bonds jew ċertifikati ta' investimenti. Dan l-obbligu japplika għal interessi finanzjarji ta' konjuġi, sħab ([2]) u ulied minorenni meta dawn jistgħu jitqiesu kapaċi li jwasslu għal kunflitt ta' interess;

(b) l-attivitajiet kollha, professjonali jew oħra, li jiddistingwu bejn attivitajiet imwettqa matul dawn l-aħħar għaxar snin li ntemmu qabel il-Membru jkun ħa l-kariga, bħal membru tal-bord ta' kumpanija, konsulent, membru ta' fondazzjoni jew korp simili jew ta' istituzzjoni edukattiva, u dawk il-funzjonijiet ta' natura onorarja u/jew attribwiti għal għomru jew funzjonijiet li jkunu formalment sospiżi b'effett dirett tal-liġi matul il-mandat tal-Membru, li jinżammu filwaqt li jirrispettaw l-Artikolu 8(2);

(c) kull entità li fiha l-Membru jkollu interess jew li fiha jkun eżerċita attività kif speċifikat fis-subparagrafi (a) u (b) hawn fuq, ħlief l-entitajiet li fihom il-Membru jkollu holdings li jkunu mmexxija fuq bażi indipendenti minn parti terza, sakemm ma jkunux marbuta ma' industriji speċifiċi bħal fondi settorjali jew tematiċi. Fil-każ ta' fondazzjoni jew korp simili, l-iskop tal-entità għandu jiġi ddikjarat;

(d) is-sħubija f'assoċjazzjonijiet, partiti politiċi, trejdjunjins, organizzazzjonijiet mhux governattivi jew korpi oħrajn, jekk l-attivitajiet tagħhom, fil-pubbliku jew fil-privat, ikunu maħsuba biex jinfluwenzaw l-eżerċizzju tal-funzjonijiet pubbliċi;

(e) kull proprjetà mmexxija direttament jew permezz ta' kumpanija tal-proprjetà immobbli, bl-eċċezzjoni ta' djar riżervati għall-użu esklużiv tagħhom u tal-familja tagħhom;

(f) l-attivitajiet professjonali attwali tal-konjuġi jew tas-sħab, filwaqt li tiġi stabbilita n-natura tal-attività, it-titlu tal-kariga okkupata, u jekk applikabbli isem l-impjegatur.

(5) Id-dikjarazzjonijiet għandhom isiru pubbliċi f'format elettroniku u li jinqara minn magna.

([1]) Sieħeb stabbli, mhux miżżewweġ kif definit fl-Artikolu 1(2)(c) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.
([2]) ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.

Artikolu 4

Proċedura għall-kunflitti ta' interess

(1) Il-Membri għandhom joqogħdu lura minn kull deċiżjoni jew struzzjoni ta' fajl u minn kull parteċipazzjoni f'diskussjoni, dibattitu jew vot fir-rigward ta' kwistjoni li taqa' taħt l-Artikolu 2(6).

(2) Id-dikjarazzjonijiet ippreżentati taħt l-Artikolu 3 għandhom jiġu skrutinizzati taħt l-awtorità tal-President.

(3) Il-Membri għandhom jinfurmaw lill-President b'kull sitwazzjoni li taqa' taħt l-Artikolu 2(6) hekk kif ikunu konxji minnha.

(4) Il-President għandu jieħu kull miżura li jqis xierqa, fid-dawl tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi (2) u (3) jew informazzjoni oħra disponibbli, jekk meħtieġ wara konsultazzjoni mal-Kumitat Indipendenti tal-Etika, bħal:

(a) ir-riallkoazzjoni ta' fajl lil Membru ieħor jew lill-Viċi President responsabbli. Il-President għandu jinforma lill-President tal-Parlament Ewropew fi żmien debitu b'kull riallokazzjoni tali;

(b) it-talba għall-bejgħ jew it-tqegħid fi trust fil-għama tal-interessi finanzjarji msemmija fl-Artikolu 3(4)(a) meta dawn jirriżultaw f'kunflitt ta' interess fil-qasam tar-responsabbiltajiet tal-portafoll tal-Membru.

Artikolu 5

Kollegjalità u diskrezzjoni

(1) Il-Membri għandhom jikkonformaw mal-obbligu tal-lealtà lejn il-Kummissjoni u d-diskrezzjoni fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom. Għandhom jaġixxu u jesprimu lilhom infushom bit-trażżin meħtieġ mill-kariga tagħhom.

(2) Il-Membri għandhom joqogħdu lura milli jiżvelaw dak li jintqal waqt il-laqgħat tal-Kummissjoni.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dixxiplinari applikabbli għall-uffiċjali u aġenti oħrajn, il-Membri huma responsabbli għat-trattament xieraq u kull trażmissjoni esterna mill-membri tal-Kabinett tagħhom ta' dokumenti klassifikati, ta' informazzjoni sensittiva jew ta' dokumenti kunfidenzjali ppreżentati lill-Kulleġġ għall-adozzjoni jew informazzjoni.

(4) Il-Membri ma għandhom jagħmlu l-ebda kumment li joħloq dubji dwar deċiżjoni li tkun ħadet il-Kummissjoni jew li tista' tagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-Kummissjoni.

Artikolu 6

Provvedimenti speċifiċi rigward il-prinċipju tal-integrità

(1) Il-Membri għandhom jimmaniġġjaw ir-riżorsi materjali tal-Kummissjoni b'mod responsabbli. Għandhom jużaw il-Kabinetti tagħhom u l-infrastruttura u r-riżorsi tal-Kummissjoni f'konformità sħiħa mar-regoli rilevanti.

(2) Il-Membri għandhom iwettqu missjonijiet f'konformità mar-regoli fir-Regolament Finanzjarju, mar-regoli interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, mal-Gwida tal-Missjonijiet u mar-regoli stabbiliti fl-Anness 2. Missjoni hija definita bħala vjaġġ minn Membru 'l bogħod mill-post tax-xogħol tal-Kummissjoni fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu. Ma jistax jiġi aċċettat vjaġġar b'xejn minn partijiet terzi sakemm ma jkunx skont użu diplomatiku jew ta' kortesija jew sakemm il-President ma jkunx awtorizza dan minn qabel. Għal raġunijiet ta' trasparenza, il-Kummissjoni se tippubblika ħarsa ġenerali lejn l-ispejjeż tal-missjonijiet għal kull Membru kull xahrejn li tkopri l-missjonijiet kollha li jkunu twettqu sakemm il-pubblikazzjoni ta' din l-informazzjoni ma timminax il-protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika, id-difiża u kwistjonijiet militari, ir-relazzjonijiet internazzjonali jew il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru.

(3) Il-Membri għandhom jikkonformaw man-normi li jirregolaw ir-riċevimenti u r-rappreżentanza professjonali fid-deċiżjoni rilevanti tal-Kummissjoni [1] [2]. L-ispejjeż mhux koperti minn din id-deċiżjoni jitħallsu mill-indennizz fiss tal-Membru previst fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2016/300.

[1] C(2007) 3494 tat-18 ta' Lulju 2007.
[2] Għall-użu tal-pakkett globali tal-Kulleġġ, ara l-Anness 2.

(4) Il-Membri ma għandhom jaċċettaw l-ebda rigal b'valur ta' aktar minn EUR 150. Meta, skont l-użanza diplomatika u ta' kortesija jirċievu rigali li jiswew aktar minn dan l-ammont, għandhom jagħtuhom lid-Dipartiment tal-Protokoll tal-Kummissjoni. F'każ ta' dubju rigward il-valur ta' rigal, għandha titwettaq evalwazzjoni taħt l-awtorità tad-Direttur tal-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell, u d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwistjoni għandha tkun finali. Id-Dipartiment tal-Protokoll tal-Kummissjoni għandu jżomm reġistru pubbliku tar-rigali li jingħataw skont dan il-paragrafu li għandu jidentifika lid-donatur.

(5) Il-Membri ma għandhomx jaċċettaw ospitalità, ħlief skont l-użanza diplomatika jew ta' kortesija. Attendenza bi stedina għal kull avveniment fejn il-Membri jirrappreżentaw lill-Kummissjoni ma għandhomx jitqiesu bħala ospitalità.

(6) Il-Membri għandhom jinnotifikaw lill-President b'kull dekorazzjoni, premju jew unur li jingħatawlhom. Jekk premju jinkludi somma flus jew oġġetti ta' valur, jenħtieġ li jingħataw lil karità tal-għażla tagħhom; oġġetti ta' valur jistgħu jingħataw ukoll lid-Dipartiment tal-Protokoll.

(7) Il-Membri għandhom jagħżlu lill-membri tal-Kabinetti tagħhom f'konformità mar-regoli stabbiliti mill-President ([1]) u abbażi tal-kriterji oġġettivi li jqisu n-natura eżiġenti tal-funzjoni, il-profili professjonali mitluba u l-ħtieġa li titwaqqaf relazzjoni bbażata fuq fiduċja reċiproka bejn il-Membru u l-membru tal-Kabinett. Il-Membri ma jistgħux jagħżlu konjuġi, sħab u membri tal-familja diretti biex jiffurmaw parti mill-Kabinett tagħhom.

Artikolu 7

Trasparenza

(1) Il-Membri u l-membri tal-Kabinett tagħhom għandhom jiltaqgħu biss ma' dawk l-organizzazzjonijiet jew mal-individwi li jaħdmu għal rashom, li jkunu rreġistrati fir-Reġistru ta' Trasparenza stabbilit skont il-Ftehim interistituzzjonali ([2]) dwar din il-kwistjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni sa fejn jaqgħu taħt l-ambitu tiegħu.

(2) Għandhom irendu pubblika l-informazzjoni minn dawn il-laqgħat skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/839/UE, Euratom ([3]).

Artikolu 8

Attivitajiet esterni matul il-mandat

(1) Il-Membri ma għandhom jeżerċitaw l-ebda attività professjonali, kemm jekk bi qligħ kif ukoll jekk le, jew funzjoni pubblika tkun xi tkun in-natura tagħha, għajr dawk li jirriżultaw mit-twettiq tal-obbligi tagħhom. Dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għaż-żamma tal-funzjonijiet ta' natura onorarja u/jew attribwiti għal għomorhom li jkunu formalment sospiżi b'effett dirett tal-liġi matul il-mandat tal-Membru bħala Kummissarju, sa fejn tkun garantita l-indipendenza tal-Membru.

(2) Il-Membri jistgħu jinvolvu ruħhom f'dawn l-attivitajiet esterni, filwaqt li jirrispettaw l-Artikoli 2 u 5:

(a) jagħtu korsijiet okkażjonali bla ħlas fl-interessi tal-integrazzjoni Ewropea, sakemm il-President ikun debitament infurmat, u attivitajiet oħra ta' komunikazzjoni f'oqsma ta' interess Ewropew;

(b) jippubblikaw ktieb sakemm kull royalty ta' ktieb ippubblikat b'rabta mal-funzjonijiet ta' Membru jingħataw lil karità tal-għażla tagħhom, u sakemm il-President ikun debitament infurmat;

(c) jiktbu artikli, jagħtu diskorsi jew jieħdu sehem f'konferenzi sakemm ma jingħatax ħlas jew, jekk jingħata ħlas, dan jingħata lil karità tal-għażla tagħhom;

(d) iżommu karigi onorarji bla ħlas f'fondazzjonijiet jew korpi simili fl-oqsma politiċi, legali, kulturali, artistiċi, soċjali, sportivi jew karitattivi jew fi stabbilimenti edukattivi jew ta' riċerka, sakemm il-President ikun debitament infurmat. "Karigi onorarji" tfisser karigi li fihom id-detentur ma jkollu l-ebda rwol maniġerjali, l-ebda setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet u l-ebda responsabbiltà jew kontroll tal-operazzjonijiet tal-korp inkwistjoni. L-espressjoni "fondazzjonijiet jew korpi simili" tfisser stabbilimenti jew assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jwettqu attivitajiet fl-interess ġenerali fl-oqsma msemmija fl-ewwel sentenza. Il-kariga ma tista' tinvolvi l-ebda riskju ta' kunflitt ta' interess. Dan ir-riskju jinsab b'mod partikulari meta korp ikun iffinanzjat mill-baġit tal-UE.

([1]) C(2014) 9002 tal-1 ta' Novembru 2014.

([2]) Ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea tas-16 ta' April 2014 dwar ir-reġistru tat-trasparenza għal organizzazzjonijiet u individwi li jaħdmu għal rashom involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE (ĠU L 277, 19.9.2014, p. 11).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/839/UE, Euratom tal-25 ta' Novembru 2014 dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar laqgħat li saru bejn Membri tal-Kummissjoni u organizzazzjonijiet jew individwi li jaħdmu għal rashom (ĠU L 343, 28.11.2014, p. 22).

Artikolu 9

Parteċipazzjoni fil-politiki nazzjonali matul il-mandat

(1) Il-Membri jistgħu jipparteċipaw fil-politika nazzjonali bħala membri tal-partiti politiċi nazzjonali jew organizzazzjoni tas-sħab soċjali (bħal trejdunjins) jew f'kampanja ta' elezzjoni nazzjonali, inkluż elezzjonijiet reġjonali jew lokali, sakemm dan ma jikkompromettix id-disponibbiltà tagħhom għas-servizz fil-Kummissjoni u l-prijorità li tingħata lill-funzjonijiet tal-Kummissjoni tagħhom fuq l-impenji tal-partit. Il-parteċipazzjoni bħala membri ta' partiti politiċi nazzjonali jew ta' organizzazzjoni tas-sħab soċjali tinkludi ż-żamma ta' funzjonijiet onorarji jew mhux eżekuttivi f'korpi tal-istruttura tal-partit, iżda teskludi responsabbiltajiet maniġerjali. Kuntatti politiċi fil-kapaċità bħala Membru tal-Kummissjoni jibqgħu mhux affettwati.

(2) Il-Membri għandhom jinfurmaw lill-President bl-intenzjoni tagħhom li jipparteċipaw f'kampanja elettorali nazzjonali, reġjonali jew lokali u r-rwol li huma mistennija li jaqdu fil-kampanja. Jekk huma beħsiebhom jikkandidaw ruħhom għall-elezzjoni jew ikollhom rwol attiv mod ieħor fil-kampanja elettorali, huma jridu jirtiraw mill-ħidma tal-Kummissjoni għall-perjodu kollu ta' implikazzjoni attiva u mill-inqas għat-tul tal-kampanja. F'istanzi oħra, il-President, li jqis iċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, għandu jiddeċiedi jekk il-parteċipazzjoni maħsuba fil-kampanja elettorali hijiex kompatibbli mat-twettiq tal-funzjonijiet tal-Membru. Il-Membri li għaldaqstant jirtiraw ruħhom mill-ħidma tal-Kummissjoni għandhom jingħataw "liv elettorali mingħajr ħlas" mill-President u ma jistgħux jużaw ir-riżorsi umani jew materjali tal-Kummissjoni matul dak il-perjodu. Il-President għandu debitament jinforma lill-President tal-Parlament Ewropew bl-għoti ta' dan il-liv u liema Membru se jieħu r-responsabbiltajiet rilevanti matul il-perjodu tal-liv.

(3) Il-Membri għandhom jastjenu milli jagħmlu dikjarazzjonijiet jew interventi pubbliċi f'isem kwalunkwe partit politiku jew organizzazzjoni tas-sħab soċjali li huma membri tagħhom, għajr meta jikkandidaw ruħhom għal elezzjoni/jipparteċipaw f'kampanja elettorali skont il-paragrafu (2). Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt li l-Membri jesprimu l-opinjonijiet personali tagħhom. Il-Membri li għaldaqstant jipparteċipaw f'kampanji elettorali għandhom jimpenjaw ruħhom biex joqogħdu lura milli jadottaw pożizzjoni matul il-kampanja li ma tkunx konformi mal-obbligu ta' kunfidenzjalità jew tikser il-prinċipju tal-kolleġjalità.

Artikolu 10

Parteċipazzjoni fil-politika Ewropea matul il-mandat

(1) Il-Membri jistgħu jipparteċipaw fil-politika Ewropea bħala membri ta' partiti politiċi Ewropej jew organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali fil-livell Ewropew sakemm dan ma jikkompromettix id-disponibbiltà tagħhom għas-servizz fil-Kummissjoni u l-prijorità li tingħata lill-funzjonijiet tal-Kummissjoni tagħhom fuq l-impenji tal-partit. Il-parteċipazzjoni bħala membri ta' partiti politiċi Ewropej jew organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali fil-livell Ewropew tinkludi ż-żamma ta' funzjonijiet politiċi, onorarji jew mhux eżekuttivi f'korpi tal-istruttura tal-partit, iżda teskludi responsabbiltajiet maniġerjali. Kuntatti politiċi fil-kapaċità bħala Membru tal-Kummissjoni jibqgħu mhux affettwati.

(2) Il-Membri jistgħu jipparteċipaw f'kampanji elettorali f'elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, inkluż bħala kandidati. Jistgħu jintgħażlu wkoll mill-partiti politiċi Ewropej bħala kandidat prinċipali ("Spitzenkandidat") għall-pożizzjoni tal-President tal-Kummissjoni.

(3) Il-Membri għandhom jinfurmaw lill-President bl-intenzjoni tagħhom li jipparteċipaw f'kampanja elettorali fis-sens tal-paragrafu (2) u r-rwol li huma mistennija li jaqdu fil-kampanja.

(4) Il-President għandu jinforma lill-Parlament Ewropew fi żmien debitu jekk Membru wieħed jew aktar jikkandidaw ruħhom bħala kandidati fil-kampanji elettorali għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, kif ukoll bil-miżuri li jittieħdu biex jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipji tal-indipendenza, tal-integrità u tad-diskrezzjoni previsti fl-Artikolu 245 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u dan il-Kodiċi ta' Kondotta.

(5) Il-Membri li jikkandidaw ruħhom bħala kandidati jew li jipparteċipaw f'kampanja elettorali fis-sens tal-paragrafu (2) ma jistgħux jużaw ir-riżorsi umani jew materjali tal-Kummissjoni għal attivitajiet marbuta mal-kampanja elettorali.

(6) Il-Membri għandhom jastjenu milli jagħmlu dikjarazzjonijiet jew interventi pubbliċi f'isem kwalunkwe partit politiku Ewropew li huma membri tiegħu, għajr meta jikkandidaw ruħhom għal elezzjoni jew jipparteċipaw f'kampanja elettorali skont il-paragrafi (3) u (4). Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt li l-Membri jesprimu l-opinjonijiet personali tagħhom. Il-Membri li għaldaqstant jipparteċipaw f'kampanji elettorali għandhom jimpenjaw ruħhom biex joqogħdu lura milli jadottaw pożizzjoni matul il-kampanja li ma tkunx konformi mal-obbligu ta' kunfidenzjalità jew tikser il-prinċipju tal-kolleġjalità.

Artikolu 11

Attivitajiet wara l-mandat

(1) Wara li ma jibqgħux fil-kariga, l-eks Membri għandhom ikomplu jkunu marbuta bl-obbligu ta' integrità u diskrezzjoni tagħhom skont l-Artikolu 245 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għandhom ikomplu jkunu marbuta bl-obbligi ta' kollegjalità u diskrezzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 5, fir-rigward tad-deċiżjonijiet u l-attivitajiet tal-Kummissjoni matul il-mandat tagħhom.

(2) L-eks Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'avviż ta' mill-inqas xahrejn bil-ħsieb tagħhom li jinvolvu ruħhom f'attività professjonali matul perjodu ta' sentejn wara li ma jibqgħux fil-kariga. Għall-finijiet tal-Kodiċi preżenti, "attività professjonali" tfisser kull attività professjonali, kemm jekk bi qligħ kif ukoll jekk le, għajr attività bla ħlas li ma jkollha l-ebda rabta mal-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea u li ma twassalx għal illobjar jew rappreżentanza fil-konfront tal-Kummissjoni u s-servizzi tagħha bħal:

(a) attivitajiet karitattivi jew umanitarji;

(b) attivitajiet li huma riżultat ta' konvinzjonijiet politiċi, trejdjunjonali u/jew filosofiċi jew reliġjużi;

(c) attivitajiet kulturali;

(d) is-sempliċi ġestjoni tal-assi jew tal-holdings jew fortuna personali jew familjari, f'kapaċità privata;

(e) jew attivitajiet paragunabbli.

(3) Il-Kummissjoni għandha teżamina l-informazzjoni pprovduta sabiex tiddetermina jekk in-natura tal-attività ppjanata hijiex kompatibbli mal-Artikolu 245 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u jekk l-attività ppjanata hija marbuta mal-portafoll tal-eks Membru, għandha tiddeċiedi biss wara li tikkonsulta mal-Kumitat Indipendenti tal-Etika.

Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-President jitlob l-opinjoni tiegħu f'każijiet ta' dubju, il-Kumitat Indipendenti tal-Etika ma għandux għalfejn jiġi kkonsultat meta l-eks Membri jkun beħsiebhom:

(a) ikomplu jservu fl-interess Ewropew f'Istituzzjoni jew Korp tal-Unjoni Ewropea;

(b) Jassumu karigi fis-servizz ċivili nazzjonali ta' Stat Membru (f'livell nazzjonali, reġjonali jew lokali)

(c) jinvolvu ruħhom f'organizzazzjonijiet internazzjonali jew korpi internazzjonali oħra li jindirizzaw interessi pubbliċi u li l-UE jew wieħed mid-diversi Stati Membri tagħha jkunu rappreżentati fihom;

(d) jinvolvu ruħhom f'attivitajiet akkademiċi;

(e) jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' darba għal żmien qasir (jum ta' xogħol wieħed jew tnejn);

(f) jaċċettaw ħatriet onorarji.

(4) L-eks Membri ma għandhomx jillobbjaw [1] ma' Membri jew mal-persunal tagħhom f'isem in-negozju tagħhom stess, jew dak tal-impjegatur jew tal-klijent tagħhom, dwar kwistjonijiet li kienu responsabbli minnhom fil-portafoll tagħhom għal perjodu ta' sentejn wara li ma jibqgħux fil-kariga.

(5) Fil-każ ta' eks President, il-perjodi stabbiliti fil-paragrafi (2) u (4) għandhom ikunu ta' tliet snin.

(6) Il-funzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (2) u (4) ma għandhomx japplikaw meta l-eks Membru jkun involut f'kariga pubblika.

(7) Id-deċiżjonijiet li jittieħdu skont il-paragrafu (3) li jiddeterminaw il-kompatibbiltà mal-Artikolu 245 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u opinjonijiet relatati tal-Kumitat Indipendenti tal-Etika għandhom isiru pubbliċi b'kunsiderazzjoni xierqa għall-protezzjoni tad-dejta personali.

[1] Għall-attivitajiet kollha li jaqgħu taħt l-ambitu tar-Reġistru ta' Trasparenza, ara l-Artikolu 7.

Artikolu 12

Il-Kumitat Indipendenti tal-Etika

(1) Il-Kummissjoni b'dan tistabbilixxi Kumitat Indipendenti tal-Etika. B'talba mill-President, il-Kumitat għandu javża lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe kwistjoni etika marbuta ma' dan il-Kodiċi u jipprovdi rakkomandazzjonijiet ġenerali lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet etiċi rilevanti skont il-Kodiċi.

(2) Il-President għandu jistabbilixxi l-limitu ta' żmien li fih għandha tingħata opinjoni.

(3) Il-Membri jew l-eks Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw bis-sħiħ mal-Kumitat, b'mod partikulari billi jipprovdu l-informazzjoni addizzjonali rilevanti kollha mitluba. Għandu jkollhom il-possibbiltà li jinstemgħu jekk il-Kumitat ikun beħsiebu jagħti opinjoni negattiva.

(4) Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn tliet membri magħżulin għall-kompetenza, għall-esperjenza, għall-indipendenza u għall-kwalitajiet professjonali tagħhom. Għandu jkollhom rekord ta' mġiba professjonali impekkabbli kif ukoll esperjenza f'funzjonijiet f'livell għoli f'istituzzjonijiet Ewropej, nazzjonali jew internazzjonali. Jenħtieġ li l-kompożizzjoni tal-Kumitat tkun tirrifletti l-esperjenzi f'istituzzjonijiet jew funzjonijiet differenti. Il-membri jinħatru mill-Kummissjoni, fuq proposta mill-President. Għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni dwar in-nuqqas ta' kunflitti ta' interess. Il-mandat tagħhom huwa ta' tliet snin, li jiġġedded darba. Jekk membru ma jibqax fil-kariga qabel ma jintemm il-mandat tiegħu, il-Kummissjoni taħtar, fuq proposta mill-President, membru ġdid għall-bqija tal-mandat.

(5) Il-Kumitat għandu jaħtar president permanenti minn fost il-membri tiegħu. Il-president tal-Kumitat ilaqqa' lill-Kumitat wara li jirċievi talba mill-President.

(6) Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għandhom ikunu kunfidenzjali.

(7) Meta opinjoni ma tiġix adottata b'mod unanimu, għandha tinkludi kull fehma kuntrarja.

(8) Il-Kummissjoni, skont ir-regoli amministrattivi rilevanti, għandha tirrimborża l-ispejjeż ta' vjaġġar u ta' sussistenza għal-laqgħat tal-Kumitat, u għandha tipprovdi appoġġ segretarjali lill-Kumitat ([1]).

Artikolu 13

Applikazzjoni tal-Kodiċi

(1) Il-President, assistit mill-Kumitat Indipendeti tal-Etika, għandu jiżgura l-applikazzjoni kif suppost ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta.

(2) Il-Membri jew l-eks Membri għandhom jinfurmaw lill-President fil-ħin jekk ikollhom dubji rigward l-applikazzjoni ta' dan il-Kodiċi qabel ma jaġixxu fuq il-kwistjoni li dwarha jkunu feġġew dubji.

(3) F'każ ta' ksur ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta li ma jirrikjedix rinviju quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 245 jew 247 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-Kumitat Indipendenti tal-Etika u fuq proposta mill-President, li tesprimi twiddiba u, fejn xieraq, tagħmilha pubblika.

(4) Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport kull sena dwar l-applikazzjoni ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta inkluż il-ħidma tal-Kumitat Indipendenti tal-Etika. Ir-rapporti għandhom jiġu ppubblikati fuq sit web iddedikat għall-applikazzjoni ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta.

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ

(1) Il-Kodiċi ta' Kondotta preżenti għandu jħassar u jissostitwixxi l-Kodiċi ta' Kondotta tal-20 ta' April 2011 u d-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-kumitat etiku *ad hoc* tal-21 ta' Ottubru 2003 ([2]) Il-Kumitat attwali u l-membri tiegħu għandhom iwettqu l-bqija tal-mandat tagħhom skont il-Kodiċi preżenti.

(2) Rigward l-eks Membri li l-mandat tagħhom ikun spiċċa qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni, l-Artikolu 11(2) sa (6) ma japplikax. It-Taqsima 1.2 tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-20 ta' April 2011 tibqa' applikabbli għalihom.

(3) Għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2018.

([1]) Dan huwa mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet amministrattivi oħra li jikkonċernaw l-istatus tal-membri u d-drittijiet tagħhom.

([2]) C(2003) 3750 tal-21 ta' Ottubru 2003.

(4) L-Artikolu 10(2) sa (5) għandu japplika mid-data ta' dħul fis-seħħ tal-Ftehim Qafas emendat dwar relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea. Sa dik id-data, il-paragrafi 8, 9 u 10 tat-Taqsima 1.1 tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji tal-20 ta' April 2011 [1] għandhom ikomplu japplikaw għall-parteċipazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni f'kampanji elettorali f'elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Jannar 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

[1] C(2011) 2904.

ANNESS 1

DIKJARAZZJONI TA' INTERESSI

Isem sħiħ:

I. **Attivitajiet preċedenti (l-Artikolu 3(4)(b) u (c) tal-Kodiċi)**

I.1. Karigi okkupati matul dawn l-aħħar 10 snin, f'fondazzjonijiet jew korpi simili

Indika n-natura tal-kariga, isem il-korp u l-objettiv/attività tiegħu

I.2. Karigi okkupati matul dawn l-aħħar 10 snin f'istituzzjonijiet edukattivi

Indika n-natura tal-kariga u isem l-istituzzjoni

I.3. Karigi okkupati matul dawn l-aħħar 10 snin fl-entitajiet ta' tmexxija, ta' superviżjoni u ta' konsulenza ta' kumpaniji u korpi oħrajn li jeżerċitaw attivitajiet kummerċjali jew ekonomiċi.

Indika n-natura tal-kariga u isem l-attività kummerċjali tal-kumpanija jew korp ieħor

I.4. Attivitajiet professjonali oħra okkupati matul dawn l-aħħar 10 snin, inklużi servizzi, professjoni libera, attivitajiet ta' konsulenza.

Indika n-natura tal-attività

II. **Attivitajiet barranin attwali f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Kodiċi (l-Artikolu 3 (4)(b) u (c) tal-Kodiċi)**

Korsijiet, pubblikazzjonijiet u diskorsi bla ħlas – l-Artikolu 8(2)(a) sa (c) tal-Kodiċi - ma għandhomx għalfejn jiġu ddikjarati

II.1. Karigi onorarji attwalment miżmuma f'fondazzjonijiet, korpi simili jew stabbilimenti edukattivi jew ta' riċerka (l-Artikolu 8(2)(d) tal-Kodiċi)

Indika n-natura tal-kariga, isem il-korp u l-objettiv/attività tiegħu

II.2. Informazzjoni addizzjonali rilevanti dwar funzjonijiet oħra (pereżempju funzjonijiet oħra ta' natura onorarja u/jew attribwiti għal għomorhom)

III. **Interessi finanzjarji (l-Artikolu 3(4)(a) u (c) tal-Kodiċi)**

Indika l-interessi finanzjarji, inklużi l-assi kif ukoll l-obbligazzjonijiet, li jistgħu jitqiesu kapaċi jwasslu għal kunflitt ta' interess. Kontijiet bankarji, oġġetti speċifiċi jew self għax-xiri ta' proprjetà immobbli għal skopijiet privati normalment ma għandhomx għalfejn jiġu ddikjarati.

Investimenti ta' valur ta' aktar minn EUR 10 000 iridu jiġu ddikjarati fil-każijiet kollha.

Indika fiż-żewġ każijiet

— *it-tip ta' interess (pereżempju ishma, bonds, self);*

— *l-entità kkonċernata (pereżempju kumpanija, bank, fond) - jekk l-investiment ikun ġestit fuq bażi indipendenti minn parti terza, isem l-entità ma għandux għalfejn jiġi ddikjarat sakemm l-investiment ma jkunx marbut ma' industriji speċifiċi bħal fondi settorjali jew tematiċi);*

— *id-daqs tal-interess (pereżempju l-għadd ta' ishma u l-valur attwali tagħhom, il-persentaġġ tal-parteċipazzjoni).*

IV. **Interessi finanzjarji ta' konjuġi, sħab** [1] **u ulied minorenni meta dawn jistgħu jitqiesu kapaċi jwasslu għal kunflitt ta' interess (l-Artikolu 3(4)(a) tal-Kodiċi)**

F'dan il-każ ipprovdi, fil-prinċipju, l-istess informazzjoni bħal fi III

[1] Sieħeb stabbli, mhux miżżewweġ kif definit fl-Artikolu 1(2)(c) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

V. **Sħubija f'assoċjazzjonijiet, partiti politiċi trejdjunjins, organizzazzjonijit mhux governattivi jew korpi oħra jekk l-attivitajiet tagħhom, fil-pubbliku jew fil-privat, ikunu intiżi li jinfluwenzaw jew jaffettwaw l-eżerċizzju tal-funzjonijiet pubbliċi tagħhom (l-Artikolu 3(4)(d) tal-Kodiċi)**

Speċifika l-isem tal-organizzazzjoni u l-qasam tal-attività tagħha; sħubiji f'għaqdiet f'oqsma kulturali, artistiċi, soċjali, sportivi jew karitattivi ma għandhomx għalfejn jiġu ddikjarati

VI. **Proprjetà immobbli (l-Artikolu 3(4)(e) tal-Kodiċi)**

Djar riżervati għall-użu esklużiv tas-sid u l-familja tiegħu ma għandhomx għalfejn jiġu ddikjarati

VII. **Attività professjonali tal-konjuġi/sħab** [1] **(l-Artikolu 3(4)(f) tal-Kodiċi)**

Stabbilixxi n-natura tal-attività, it-titlu tal-pożizzjoni okkupata u isem l-impjegatur

Jien b'dan niddikjara li l-informazzjoni li ngħatat hawn fuq hija korretta.

Data: Firma:

Din id-dikjarazzjoni se ssir pubblika f'konformità mal-Artikolu 3(5) tal-Kodiċi.

[1] L-attivitajiet kollha li jaqgħu taħt l-ambitu tar-Reġistru ta' Trasparenza, ara l-Artikolu 7.

ANNESS 2

UŻU TAL-PAKKETT GLOBALI TAL-KULLEĠĠ U VJAĠĠAR FUQ ĦIDMA UFFIĊJALI (MISSJONIJIET) MILL-KUMMISSARJI [1]

1. Baġit

Il-pakkett globali tal-Kummissjoni, li jkopri l-ispejjeż tal-missjonijiet u l-ispejjeż tar-riċevimenti u tar-rappreżentanza professjonali, huwa ffissat kull sena mill-awtorità baġitarja. Huwa distribwit bejn il-Membri kollha tal-Kummissjoni skont il-portafolli rispettivi u l-ħtiġijiet reali tagħhom, taħt ir-responsabbiltà tal-President. L-ispejjeż tal-pakkett globali huma awtorizzati mill-Kap tal-Kabinett tal-Membru kkonċernat [2] (uffiċjal tal-awtorizzazzjoni legali), li jiċċertifika wkoll il-validità tal-fatturi. Jitħallsu abbażi tal-fatturi u provi ta' ħlas, taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur tal-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO – uffiċjali tal-awtorizzazzjoni għall-impenji u l-ħlas baġitarji).

L-ispejjeż tal-missjonijiet imġarrba mill-Membri tal-Kummissjoni li jivvjaġġaw fuq ħidma uffiċjali huma koperti b'allokazzjoni mill-entrata baġitarja 25 01 02 13. L-ispejjeż tal-missjonijiet għall-persunal tal-Kabinetti huma koperti (skont il-Gwida tal-Missjonijiet tal-Kummissjoni) mill-entrata baġitarja 25 01 02 11 01 01 10

2. Notifika ta' missjoni — Tħassir ta' missjoni

Trid titfassal ordni ta' vjaġġar, iffirmata mill-Membru tal-Kummissjoni kkonċernat, għall-missjonijiet kollha bl-użu tal-formola xierqa (MIPS). Trid tistabbilixxi dan li ġej:

— l-għan tal-missjoni,

— il-post tal-missjoni,

— il-mezzi tat-trasport li għandhom jintużaw,

— id-data u l-ħin tat-tluq u r-ritorn,

— il-bidu u t-tmiem tal-ħidma.

Fil-każ ta' missjoni li titħassar, il-Membru tal-Kummissjoni jrid immedjatament:

— jara li l-biljetti tal-ivvjaġġar u r-riżervazzjonijiet maħruġa mill-aġenzija tal-ivvjaġġar jitħassru bil-miktub,

— jiżgura li r-riżervazzjonijiet tal-lukandi wkoll jitħassru bil-miktub.

3. Mezzi ta' trasport

Il-Membri tal-Kummissjoni jistgħu jużaw kwalunkwe mezz ta' trasport xieraq għall-finijiet tal-missjoni abbażi tal-kosteffettività tiegħu u b'kont meħud tal-ħtiġijiet tal-Istituzzjoni u f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Kodiċi.

4. Biljetti u spejjeż tal-ivvjaġġar

Skont il-Gwida tal-Missjonijiet, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar irrimborżati fil-kuntest ta' missjoni huma fil-prinċipju għal vjaġġar bejn Brussell u l-post tal-missjoni.

Il-biljetti jinħarġu fuq talba mill-aġenzija tal-ivvjaġġar uffiċjali tal-Kummissjoni. L-ispejjeż jiġġarrbu kompletament mill-allokazzjoni tal-missjoni tal-Membru tal-Kummissjoni. Kull biljett jew riżervazzjoni li ma jintużawx, inkluż dawk parzjalment użati, iridu jiġu rritornati fil-pront lill-aġenzija tal-ivvjaġġar. Kull vjaġġar privat irid jitħallas personalment mill-Membru, li jħallas lill-aġenzija tal-ivvjaġġar direttament bil-karta tal-kreditu.

5. Noleġġ ta' taxis tal-ajru

L-użu ta' taxis tal-ajru jridu jiġu awtorizzati mill-President. Bħala regola ġenerali, it-taxi tal-ajru tista' tiġi awtorizzata biss taħt ċirkustanzi eċċezzjonali, meta ma jkunx hemm titjiriet kummerċjali disponibbli għad-destinazzjoni jew meta ma jkunux jaqblu mal-aġenda tal-Membru tal-Kummissjoni, jew għal raġunijiet ta' sigurtà. Jenħtieġ li ssir verifika bir-reqqa tal-opzjonijiet kollha, inkluż ippjanar tal-aġenda, sabiex it-taxi tal-ajru tkun ikkunsidrata biss bħala l-aħħar opzjoni.

---

(1) Fin-nuqqas ta' regoli speċifiċi, b'analoġija japplikaw ir-regoli ġenerali fil-Gwida tal-Missjonijiet.

(2) Il-Kap tal-Kabinett tal-President jista' jissottodelega din is-setgħa lid-Direttur tal-Koordinazzjoni u l-Amministrazzjoni fil-Kabinett tal-President.

It-talbiet kompluti bid-dettalji prattiċi kollha (post, data, programm, parteċipanti, ġustifikazzjoni, eċċ.), u l-offerta tal-kuntrattur, iridu jirċievu l-approvazzjoni mill-PMO qabel ma jiġu ppreżentati għall-awtorizzazzjoni tal-President. Għal vjaġġaturi għajr il-Membru tal-Kummissjoni, hija prevista parteċipazzjoni finanzjarja ekwivalenti għall-prezz ta' biljett ta' titjira regolari ([1]). Il-PMO se jimplimenta d-distribuzzjoni meħtieġa bejn il-linji baġitarji.

6. **Tul tal-missjoni**

It-tul tal-missjoni huwa kkalkulat mill-ħin tat-tluq sal-ħin tar-ritorn lura fil-post tax-xogħol bil-mezzi tat-trasport użati.

7. **Misjjonijiet ikkombinati mal-liv**

Il-missjonijiet ikkombinati mal-liv huma kkalkulati li jibdew fil-bidu tal-ħidma uffiċjali jekk il-liv jittieħed qabel il-missjoni u jintemm mat-tmiem tal-impenn uffiċjali jekk il-liv isegwi l-missjoni. L-istess japplika f'każ ta' festi pubbliċi u tmiem il-ġimgħa, sakemm l-iskeda tax-xogħol ma tipprovdix mod ieħor. Madankollu, anke jekk dan ikun il-każ, ma titħallas l-ebda gratifika għall-festi pubbliċi/għal tmiem il-ġimgħa jekk l-impenn uffiċjali jkun fil-pajjiż tal-oriġini tal-Membru tal-Kummissjoni.

8. **Gratifika għas-sussistenza ta' kuljum**

Il-gratifika għas-sussistenza ta' kuljum pagabbli lill-Membru tal-Kummissjoni hija l-gratifika pagabbli lill-uffiċjali b'żieda ta' 5 %. Dan huwa kkalkulat bl-użu ta' regoli applikabbli għall-uffiċjali fil-Gwida tal-Missjonijiet.

9. **Spejjeż ta' lukandi**

L-ispejjeż tal-lukandi (eskluż l-kolazzjon u ikliet oħra) jiġu rrimborżati fuq preżentazzjoni tal-fattura. Jekk l-ispejjeż tal-lukanda jaqbżu t-EUR 300 għal kull jum, għandha tinħemeż ġustifikazzjoni mad-dikjarazzjoni tal-ispejjeż.

10. **Spejjeż oħrajn**

Spejjeż oħrajn iġġustifikati bin-natura tal-missjoni huma rrimborżati fuq applikazzjoni u fuq preżentazzjoni ta' dokumenti ta' prova. Spejjeż ta' divertiment u ta' rappreżentanza jridu jintalbu separatament f'konformità ma' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirregola dawn l-ispejjeż.

11. **Talbiet ta' spejjeż**

Il-Membri tal-Kummissjoni se jiġu rrimborżati abbażi ta' dikjarazzjoni tal-ispejjeż tal-missjoni li tintbagħat malajr kemm jista' jkun għal rimborż tal-ispejjeż tal-missjoni lill-PMO bl-użu tal-formola xierqa (MIPS).

It-talbiet iridu jinkludu dawn id-dettalji:

— l-għan tal-missjoni,

— il-post tal-missjoni,

— id-data u l-ħin tat-tluq u tal-wasla fil-post tax-xogħol bil-mezzi tat-trasport użati,

— il-ħinijiet tal-bidu u tat-tmiem tal-ħidma,

— l-għadd ta' jiem ta' liv, jekk ikun hemm, ikkombinati mal-missjoni,

— l-ispejjeż tat-trasport imħallsa fuq il-post mill-Membru tal-Kummissjoni,

— l-ispejjeż tal-lukanda (eskluż l-kolazzjon u ikliet oħra),

— kull ikla mħallsa minn partijiet terzi għall-Membru tal-Kummissjoni,

— spejjeż oħra li jintalab rimborż għalihom.

Iridu jinthemżu d-dokumenti ta' prova kollha.

([1]) Għall-finijiet tal-pubblikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tal-Kodiċi, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar individwali tal-Membru tal-Kummissjoni se jkunu bbażati fuq il-prezz medju għal kull persuna (Membri u persunal) fuq it-titjira. Dan huwa mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ġenerali tal-Membru tal-Kummissjoni fuq il-missjoni.

12. **Ċerti spejjeż imħallsa mill-uffiċċji rappreżentattivi u delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi oħrajn**

F'ċerti każijiet tista' tingħata awtorizzazzjoni biex spejjeż imġarrba waqt missjoni jitħallsu fid-destinazzjoni mill-Uffiċċji Rappreżentattivi u d-Delegazzjonijiet. Din hija proċedura eċċezzjonali li hija awtorizzata biss meta l-ispejjeż imġarrba fuq missjoni ma jkunux jistgħu jitħallsu bil-karta tal-kreditu professjonali jew fatturati direttament lill-PMO ([1]). Minħabba l-piż amministrattiv kbir involut, jenħtieġ li dawn it-talbiet jiġu llimitati strettament għall-inqas possibbli.

13. **Regoli speċjali li jikkonċernaw missjonijiet mix-xufiera tal-membri tal-Kummissjoni u l-użu ta' car pools tar-rappreżentanzi tal-Kummissjoni u d-delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi oħrajn**

Skont l-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 1979, il-Membri kollha tal-Kummissjoni għandhom karozza u xufier uffiċjali assenjati lilhom il-ħin kollu. Ix-xufiera ma jistgħux jintalbu jagħmlu traġitti privati jekk dawn jinkludu sahra jew spejjeż ta' missjoni għax-xufier, sakemm is-sigurtà ma teżiġix dan.

Vjaġġar ta' kuljum bejn ir-residenza Belġjana tal-Membru tal-Kummissjoni u l-uffiċċju (jew l-istazzjon u l-ajruport) għandhom jitqiesu bħala vjaġġar professjonali.

Ix-xufiera huma koperti minn ordni ta' vjaġġar meta jsuqu l-karozza uffiċjali ta' Membru tal-Kummissjoni, anke jekk il-Membru jew uffiċjal tal-Kabinett ma jkunx fil-karozza, meta jkun qed jirritorna minn destinazzjoni uffiċjali jew meta jkun qiegħed iġib il-karozza lura minn hemm. Jenħtieġ li t-talbiet għal spejjeż ta' missjoni jimtlew mix-xufier bl-użu tal-formola xierqa (MIPS) u jiġu ffirmati mill-Kap tal-Kabinett, b'dawn id-dettalji:

— l-għan tal-missjoni,

— il-post tal-missjoni,

— ir-rotta li ttieħdet,

— id-data u l-ħin tat-tluq mill-post tax-xogħol u r-ritorn fih,

— l-ispejjeż tal-lukanda (eskluży l-kolazzjon u ikliet oħra),

— dettalji oħra inklużi fil-formola tat-talba.

L-ispejjeż ta' missjoni tax-xufiera huma koperti mill-baġit tal-missjonijiet proprju tal-Kabinett.

Membru tal-Kummissjoni li jżur Rappreżentanza tal-Kummissjoni jew Delegazzjoni tal-UE huwa intitolat għal karozza uffiċjali fil-limiti tar-riżorsi disponibbli għar-Rappreżentanza jew id-Delegazzjoni. Jekk iż-żjara ta' Membru tal-Kummissjoni tobbliga li jsir kuntratt għal servizz ta' trasport barra mill-funzjonament normali tar-Rappreżentanza, l-ispejjeż rispettivi jiġġarrbu mill-allokazzjoni tal-missjoni tal-Membru. Għal żjajjar lejn Delegazzjonijiet, japplikaw ir-regoli jew l-arranġamenti miftiehma bejn il-Kummissjoni u s-SEAE li jkunu fis-seħħ dak iż-żmien.

([1]) L-Artikolu 66 tar-regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju jillimita l-użu tal-kontijiet tal-imprest għal każijiet fejn, minħabba l-ammonti limitati involuti, ikun materjalment impossibbli jew ineffiċjenti li jitwettqu operazzjonijiet ta' ħlas skont proċeduri baġitarji.